MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Numru 33/2010

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Kontra**
**Mario Azzopardi**

**Eċċezzjonijiet Preliminari.**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali li jgħid hekk:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi meta Shanelle Farrugia kienet tifla żgħira ta’ ħdax (11) –il sena kienet tmur ta’ spiss, għand l-akkużat Mario Azzopardi, magħruf bil-laqam s-Sufu, biex ikun jista jgħallimha iddoqq il-kitarra. L-akkużat Mario Azzopardi kien iħajjar lill Shanelle Farrugia tmur f’residenza l-Bormla bl-iskuża biex titghallem il-kitarra. Darba minnhom, fis-sajf, f’Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fix-xhur u ż-żmien ta’ qabel, l-akkużat talab lil Shanelle Farrugia

tidħol ġo kamra oħra fl-istess residenza, neżżgħalha l-ħwejjeġ tagħha, tefagħha fuq is-sodda fil-preżenza ta' Redlene Fenech, minuri ta' tlettax (13) –il sena u kellu konġungiment karnali magħha kontra l-volontà tagħha. Shanelle Farrugia, li dak iż-żmien kellha biss ħdax (11)-il sena, ftit li xejn setgħet toffri reżistenza, kienet imbeżżgħa u l-akkużat qalilha li jekk titkellem u tigżah hi tispiċċa l-abbatija, post li Shanelle Farrugia kienet tibża' minnu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Mario Azzopardi sar ħati ta' stupru vjolenti aggravat, u cioè talli, b'diversi atti, fi żmien partikolari u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar minn persuna li fl-esekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna oħra, fil-preżenza ta' minuri oħra li setgħet tara u tisma' dak li kien qiegħed jiġri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-età ta' tnax (12) il-sena.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuża lill-imsemmi Mario Azzopardi talli kkommetta stupru vjolenti aggravat, u cioè talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni wahħ, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar minn persuna li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna ohra, fil-preżenza ta' minuri ohra li setgħet tara u tisma' dak li kien qiegħed jiġri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx ghalqet l-età ta' tnax (12) –il sena; talab li jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tnax (12) –il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 31, 198, 201(a)(b), 202(d)(i), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' l-akkuża, u cioè fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fix-xhur u z-zmien ta' qabel, l-akkuzat Mario

Azzopardi kien jistieden lill Shanelle Farrugia ta' hdax (11) il-sena, lill Redlene Fenech ta' tlettax (13) il-sena u lill Chantelle Gilford ta' tlettax (13) il-sena gewwa residenzi il-Bormla u l-Birgu bil-premessa li jghallihom idoqqu l-kitarra. Illi fil-fatt, l-akkuzat Mario Azzopardi kien jaghmel hekk sabiex ikun jista jikkorrompi lill-minuri b'diversi atti zienja ohra u dan apparti l-kongungiment karnali li kellu ma Shanelle Farrugia. F'izjed minn okkazzjoni wahda l-akkuzat kien iġġigħelhom jinzghu gharwenin, jimmasturbhom u jmissilhom il-parti privata taghhom b'idejh u ssir diskors sesswali maghhom. L-akkuzat kien jinzgha gharwien u ggieghel lill minuri imissu l-parti privata tieghu. Meta kien issir hekk, l-akkuzat diversi drabi kien jeggacola quddiem il-minuri. Illi apparti dawn l-atti, l-akkuzat kien anke juri lill minuri filmati pornografici u oxxenni. Illi dawn l-atti oxxenni u moqzieza kienu issiru kemm fuq il-minuri kif ukoll fil-prezenza ta' xulxin.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Mario Azzopardi sar hati ta' korruzzjoni aggravata ta' tfal ta' taht l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni ikkorrompa persuni ta' taht l-età, tas-sess l-wiehed jew l-iehor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid u qerq, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax -il sena u minn persuna li imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Azzopardi talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taht l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-età, tas-sess l-wiehed jew l-iehor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid u qerq, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax -il sena u minn persuna li imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames (5) snin sa tnax (12) il-sena, skond dak li hemm u jintqal fl-

artikoli 18, 31, 203(1)(a)(b)(c), 382A, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fix-xhur u z-zmien ta' qabel, l-akkuzat Mario Azzopardi aparti li kellu kongungiment karnali, kien ghamel atti sesswali u oxxeni ripetutament ma tfal zghar fuq il-persuna taghhom u fil-presenza taghhom lill minuri Shanelle Farrugia, Redlene Fenech u Chantelle Gilford, u dan diversi drabi kif spjegat. F'dan il-perijodu l-akkuzat kien izzomm lill minuri illegalment u kontra r-rieda u l-volonta' taghhom arrestati, mizmuma jew issekwestrati gewwa r-residenza tieghu, sabiex ikun jista jaghmel l-atti illegali u zienja hekk kif deskriti f'din l-att ta' l-akkuza b'abbuz sfaccat tad-dmirijiet tieghu. Illi l-akkuzat zamm lill-minuri arrestati, mizmuma u ssekwestrati diversi drabi fuq diversi okkazjonijiet bl-iskop li huma jigu soġġetti għall-aġir abussiv u sesswali għall-aħħar ta' l-akkuzat fil-konfront tagħhom, liema aġir indubjament ma kienx mixtieq jew mitlub minnhom u dan speċjament meta wieħed iqis l-eta' tenera tagħhom, il-biza li kellhom minnu, kif ukoll in-natura gravi tal-atti li kienu qed jissubixxu minnu.

Illi b'għemilhu l-imsemmi Mario Azzopardi sar ħati talli f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil minuri, Shanelle Farrugia, Redlene Fenech u Chantelle Gilford kontra l-volonta' tagħhom, jew ta l-post biex fiħ il-minuri jigu arrestati, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda

bil-mewt,  u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Mario Azzopardi, ħati talli, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil minuri kontra l-volonta` tagħhom, jew ta l-post biex fiħ il-minuri jigu arrestati, miżmuma jew issekwestrati b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt,  u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) snin sa tnax (12) il-sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 31, 86, 87(1)(c)(g)(h), 88, 202(h)(vii), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi fis-7 ta' Lulju 2010, l-akkużat intavola nota tal-eċċezzjonijiet li l-Qorti ser teżamina seriatim wara li żammet żewġ udjenzi sabiex tisma' t-trattazzjoni dwarhom.

**L-ewwel eċċezzjoni**

L-akkużat jissottometti n-nullita' tal-Ewwel Kap tal-akkuża in kwantu ċ-ċirksotanza aggravanti kontemplata fl-artikolu 202(d) ( u indikata erronjament bħala 202(d)(i)) tal-Kodiċi Kriminali ma ssibx rifless fil-parti narrativa tal-imsemmi kap bil-konsegwenza wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-piena mitluba mhix skont il-Liġi.

**It-Tieni Eċċezzjoni**

In-nullita' tat-tieni kap tal-att tal-akkuża in kwantu ċ-ċirkostanza aggravanti kontemplata fil-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali ma ssibx rifless fil-parti narrattiva tal-imsemmi kap ;

**It-Tielet Eċċezzjoni**

In-nullita' tat-tielet kap tal-att tal-akkuża in kwantu ċ-ċirkostanzi aggravanti kontemplati fil-paragrafi (ċ) u (h) tal-artikolu 87(1) u fl-artikolu 88 tal-Kodiċi Kriminali ma jsibux rifless fil-parti narrattiva tal-imsemmi kap bil-konsegwenza wkoll li, fi kwalunkwe każ, il-piena mitluba mhix skont il-Liġi ;

**Ir-Raba' Eċċezzjoni**

L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Margaret Zammit (fol 116A – 118A), Remenda Grech (fol 119A – 122), Roslyn Vella (fol 198 – 202) u Marisa Galea (fol 241 – 243) in kwantu jikkostitwixxu hearsay evidence ;

**Il-Ħames Eċċezzjoni**

L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Tanya Fenech (fol 179 – 183 u 288 – 289), Alexia Spiteri (fol 203 -205), Ruth Caruana (fol 229 – 232 u 290 – 292), Cher Engerer (fol 237 – 240 u 321 – 323), Elaine Micallef (fol 271 – 275) u Cathriona Spiteri (fol 293 et seq) in kwantu huma in parti bażati fuq opinjonijiet u in parti jikkostitwixxu hearsay evidence ;

**Is-Sitt Eċċezzjoni**

L-inammissibilita' tal-partijiet tax-xhieda ta' Jeffrey Farrugia ( fol 123- 126) u Diane Farrugia (127 – 129) li jikkostitwixxu hearsay evidence ;

**Is-Seba' Eċċezzjoni**

L-inammissibilita' ta' Dok CE redatt u ppreżentat minn Cher Engerer (fol 324 – 332) in kwantu l-kontenut tiegħu bbażat fuq l-opinjoni tal-istess Cher Engerer.

**Risposta tal-Avukat Ġenerali**

L-Avukat Ġenerali irrisponda fit-12 ta' Lulju 2010. Huwa ssottometta:

Li l-eċċezzjonijiet (1)(2) u (3) imqajmin mir-rikorrenti mhumiex korretti stante li tliet kapi tal-Att tal-Akkuża jikkonformu mar-rekwiżiti legali u proċedurali u l-piena mitluba huma korretti skont il-Liġi;

Li l-eċċezzjonijiet (4)(5)(6)(7) imqajmin mir-rikorrent mhumiex korretti stante li x-xhieda msemmija huma kollha xhieda ammissibbli inkluż id-Dok CE;

Li l-esponent jagħti avviż tal-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi li għandu l-ħsieb li jagħti fil-konfront tax-xhieda indikati minn (1) sa (2) u (4) sa (7) tal-akkużat billi minn imkien ma jidher li d-depożizzjoni tagħhom hi relevanti għall-każ kif ukoll li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in kwistjoni. (fol 12).

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel eċċezzjoni – L-Ewwel Kap**

L-argument ewlieni tad-difiża hu li filwaqt li fil-parti akkużatorju u fil-parti fejn kienu ċitati l-artikoli hemm referenza għall-aggravju li fl-esekuzzjoni tad-delitt l-akkużat kien mgħejun minn persuna oħra, dan il-fatt mhux rifless fil-parti narrativa.

L-Avukat Ġenerali, waqt li ssottometta li xejn m'hemm nieqes fil-parti narrative, talab il-Qorti biex ikun awtorizzat sabiex fl-Ewwel Kap bejn il-kliem 'Redlene Fenech, minuri ta' tlettax-(13) il sena u' u 'kellu konġunġiment karnali' jidħlu l-kliem 'u, ***bl-assistenza ta' Redlene Fenech, '***

Il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tad-difiża u qed tawtorizza lil Avukat Ġenerali jdaħħal il-kliem sottolineat bil-kommas b'kollox biex is-sentenza tagħmel sens. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma qed tara xejn ħażin fil-mod kif inhuma indikati l-aggravji bħala '202(d)(i)' mill-Avukat Ġenerali' għaliex m'għandux jidher in-nmru (1) iżda l-ittra 'i'. U b'hekk qed tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni.

**It-Tieni Eċċezzjoni – It-Tieni Kap**

L-argument tad-difiża huwa li fil-parti tal-piena l-Avukat Ġenerali rrefera għal '203(1)(a)(b)(ċ)'. M'hemmx kontestazzjoni dwar it-203(1)(a) u (ċ) iżda l-artikolu 203 203 (1)(b) mhux rifless fin-narrativa. Dan is-subparagafu jirreferi għal meta l-korruzzjoni tal-minorenni jkun aggravat minħabba theddid jew qerq.

L-Avukat Ġenerali rrisponda li t-tieni kap jibda bil-kelmiet 'Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel kap tan l-att tal-akkuża'. Issa fin-narrativa tal-ewwel Kap hemm referenza għal' bl-iskuża biex titgħallem il-kitarra' ' u 'l-akkużat qalilha li jekk titkellem u tigżah hi tispiċċa l-abbatija, post li Chanelle Farrugia kienet tibża' minnu.'

L-Avukat Ġenerali għandu raġun u l-Qorti mhix tilqa' din l-eċċezzjoni tad-difiża għax in-narrativa tal-ewwel kap tkopri sew dan l-aggravju.

L-Avukat Ġenerali talab li fit-tieni paragrafu tat-tieni kap, fir-raba' vers, il-kelma 'u' tkun sostitwita bil-kelma 'jew'.

Il-Qorti qed tawtorizza din il-bidla.

**It-Tielet Eċċezzjoni Artikoli 87(1)(c)(g)(h) u 88 tal-Kap 9.**

Id-difiża qed tissottometti li l-parti narrativa imkien ma tirrifletti l-aggravji li hemm fl-artikoli 87(1)(ċ) u (h) jew it-torturi li jsemmi l -artikolu 88.

L-Avukat Ġenerali qabel li għandha titneħħa r-referenza għall-artikolu 87(1)(h) u għalhekk il-Qorti ser tordna li fil-Kap 3 fil-vers ta' qabel l-aħħar titneħħa l-ittra (h) wara l-artikolu 87(1)(ċ)(g).

M'hemmx qbil dwar it-tneħħija tal-artikolu (ċ). L-Avukat Ġenerali jissottometti li dan jirriżulta jew ma jirriżultax waqt is-smigħ tal-provi.

Il-Qorti eżaminat il-parti narrativa tat-tielet kap u minnha ma jirriżultax li kien hemm theddid tal-mewt jew xi bodily harm. Lanqas ma jirriżulta mill-parti narrativa li kien hemm xi tortura.

Għalhekk qed tilqa' din it-tielet eċċezzjoni tad-difiża billi tordna li (i) it-tneħħija tal-ittra (h) kif diġa' deskritt; u (b) jitneħħew ukoll l-ittra (ċ) li tidher vil-vers ta' qabel la-ħħar tat-tielet Kap u għalhekk il-vers ta' qabel l-aħħar għandu jibda '87(1)(g)'. Fl-istess vers għandha titneħħa wkoll ir-referenza għall-artikolu 88 tal-Kap 9.

**Ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni**

Dawn l-eċċezzjonijiet qegħdin jittieħdu flimkien minħabba li bażikament kollha għandhom x'jaqsmu mal-hearsay rule għalkemm fil-ħames eċċezzjoni hemm referenza wkoll għall-espressjoni ta' xi opinjonijiet.

**Punt ta' Fatt**

Il-Qorti rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha li għalihom qed toġġezzjona d-difiża. Dan li ġej huwa elenku fil-qosor tagħhom kif imsemmijin mid-difiża:

**Xhieda indikati fir-raba' eċċezzjoni**

(a) Mary Zammit – Din hija social worker l-Appoġġ u xehdet dwar x'qaltilha Chanelle Farrugia. (116A – 118A);

(b) Remenda Grech - Din hija wkoll social worker fl-Appoġġ u xehdet dwar dak li qaltilha Redlene u rrakkomandat li psikologu jsegwi lil Chanelle; (119A – 122)

(ċ) Roslyn Vella - Din hija social worker il-Fejda u xehdet dwar dak li qaltilha Chanelle iżda lil Redlene ma kellmithiex; (198 – 202)

(d) Marija Galea - Din hija Homes Director fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja u xehdet x'qaltilha Chanelle (241 – 243)

**Xhieda indikati fil-ħames eċċezzjoni**

(e) Tanya Fenech – omm Redlene Fenech xehdet li trid li jitkomplew il-proċeduri. Xehdet ukoll x'qaltilha Redlene u li t-tifla kienet mhedda minn Mario Azzopardi. Xehdet ukoll li t-tifla terġa' tiftakar meta tara lill-akkużat għaddej mit-triq; (179 – 193 u 288 – 289)

(f) Alexia Spiteri – din hija social worker mal-Fejda u xehdet dwar x'qalet Shanelle dwar il-mawra għand l-akkużat u li Chanelle dejjem trid tirrakkonta fid-dettall dwar id-dar fejn amrret. (203 – 205)

(g) Ruth Caruana – din hija social worker li taħdem l-Appoġġ fit-taqsima 'Looked After Children' xehdet dwar x'qaltilha Chanelle dwar l-allegat stupru u li din baqgħet dejjem tgħid l-istess storja. Xehdet ukoll li t–tifla marret ħafna għall-agħar u r-raġuni għal dan jistgħu jagħtuha l-psikologi. It-tifla qieset bħala kastig li hija tkun 'in care'. (229 – 232 u 290 u 292)

(h) Cher Engerer - Din hija psikologa. L-appoġġ irreferew lit-tifla lilha. Xehdet li tifla hija trawmitazzata u għandha bżonn terapija fit-tul. L-isem tal-akkużat ma jidher imkien u kienet tieħu konjizzjoni t'a dak li kienet tgħidilha t-tifla waqt

is-sessjonijiet. Hija ppreżentat rapport tax-xogħol li wettqt. (237 – 240; 321 – 323).

(i) Elaine Micallef – Din hija freelance psychotherapist. Kienet l-aġenzija Appoġġ li rreferiet il-każ għandha. Sabet lit-tifla psychologically disturbed. A fol 272 hemm imniżżel li t-tifla qatt ma qalet xi ġralha. Ma tatx opinjoni fuq il-fatti tal-każ. (271 – 275).

(j) Cathriona Spiteri – Din hija social worker li taħdem l-Appoġġ. Hija xehdet dwar Redlene u qalet li din tibża' mill-akkużat. M'hemm ebda opinjoni fix-xhieda.

**Is-Sitt Eċċezzjoni**

(k) Jeffrey Farrugia – Dan huwa iz-ziju ta' Chanelle Farrugia. Dan xehed li Chanelle irrakkontat x'ġara għand l-akkużat. (123 – 126)

(l) Diane Farrugia – Din hija omm Chanelle u xehdet dwar x'qaltilha bintha.(127 – 129)

L-argument ewlieni tad-difiża huwa li x-xhieda ta' dawn in-nies hija 'hearsay' jew opinjoni jew it-tnejn. Id-difiża ma indikatx xi paragrafi fejn hemm opinjonijiet u l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx xi xhieda mimlija opinjonijiet b'mod lampanti. Għaldaqstant m'hix taċċetta l-ħames eċċezzjoni fil-parti fejn titkellem dwar opinjonijiet. Ad ogni modo, jekk ikun neċessarju, waqt is-smigħ tal-ġuri, l-Imħallef Sedenti jista' jwissi jew jwaqqaf lix-xhud jekk jara li dan ser jesprimi xi opinjonijiet ġaladarba ħadd mill-esperti ma kien maħtur mill-Qorti.

Dwar li ħafna mix-xhieda l-oħra xehdu dwar dak li qalulhom l-allegati vittmi jew min minnhom, il-Qorti ma tarax li b'daqsekk dawn ix-xhieda huma inammissibbli.

**Punt ta' Liġi – il-Hearsay Rule**

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

‘598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista’ jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
(2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
(3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

Meta xiehda fuq
kliem ħaddieħor
hija ammessa.
Emendat:
XV. 1913.121.

599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta
dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta’ servitu’, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.’

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained

in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda  hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista'  tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule.  (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''

' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari.  Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li

jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni.

**Is-seba' eċċezzjoni – Id-dokument ippreżentat mill-psikologa Cher Engerer.**

Din l-eċċezzjoni hija dwar l-ammissibbilita' o meno ta' rapport magħmul mill-psikologa Cher Engerer. Meta telgħet tixhed l-ewwel darba, din il-psikologa ma tellgħet ebda rapport u għalhekk ittellgħet tixhed it-tieni darba. Il-Qorti eżaminat ir-rapport li jidħol fid-dettall dwar il-problemi ta' waħda mill-allegati vittmi. Fil-fehma tal-Qorti r-rapport ma jitfax dawl direttament dwar dan il-każ. Lanqas ma jista' jkun ta' għajnuna għall-ġurati jew għall-ġudikant waħdu sabiex jasal għad-deċiżjoni finali.
Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u qed tordna l-isfliz ta' dan ir-rapport.

**Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali – Artikolu 438(3) tal-Kap 9.**

Il-Qorti kkonsidrat l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-akkużat aktar 'il fuq. Jibqa' għalhekk l-eċċezzjoni dwar ix-xhieda.

L-akkużat intavola n-Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fis-7 ta' lulju 2010. Din kienet nnotifikata lill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Lulju 2010.

L-Avukat Ġenerali ppreżenta r-risposta tiegħu fit-12 ta' Lulju 2010.

Din ir-risposta kienet notifikata lill-akkużat fil-15 ta' Lulju 2010.

L-artikolu 438(3) tal-Kap 9 jipprovdi li l-Avukat Ġenerali għandu jagħti avviż ta' kull eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi li jkun bi ħsiebu jagħti permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux aktar tard minn ħamest ijiem tan-notifika. Mill-atti jirriżulta li f'anqas minn ħamest ijiem l-Avukat Ġenerali ppreżenta r-risposta tiegħu u li din kienet notifikata lill-akkużat. Il-Qorti ma ssib xejn irregolari li ntużat il-kelma 'Risposta' flok il-kelma 'Nota'. L-Avukat Ġenerali qagħad attent ukoll li uża l-kliem li jidher fl-artikolu 438(3) tal-Kap 9 – 'jagħti avviż'.

Ix-xhieda indikati mid-difiża minbarra wieħed (in-numru 3) jidhru neqsin minn dettalji bażiċi u għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali għax-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------